MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 702/2002

**Madeleine Firman bhala mandatarja specjali fl-isem u ghan-nom tas-socjeta estera Elios Ceramica S.p.a. ta' l-Italja**

**Vs**

**Is-socjeta' Esten Manufacturing Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici nomine tablet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-attrici nomine s-somma ta' Lm4253.00 li llum huma ekwivalenti fi flus maltin ghall-EUROS 10,290 (ghaxart elef u mitejn u disghin liri) dovuti lill-attrici nomine mis-socjeta' konvenuta bhala prezz ta' madum ta' ceramika u merci ohra mibjugha lis-socjeta' konvenuta mill-attrici nomine u accettati mis-socjeta konvenuta bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva (Dok A) cioe' mis-26 ta' Settembru, 2001 sad-

data tal-hlas effettiv u ta' ittra ufficjali tal-5 ta' April, 2002 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz u market Dok 'A' (fol 2 u fol 3 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-istess socjeta konvenuta (fol 11 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi l-ammont pretiz mill-attrici nomine ma hux dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma xtrat il-merkanzija in kwistjoni minghand l-attrici nomine anzi l-istess socjeta' konvenuta tat struzzjonijiet specifici lill-attrici nomine sabiex ma jibghatx il-merkanzija inkwistjoni.

Illi fil-fatt l-istess socjeta' konvenuta qatt ma accettat il-merkanzija li taghha qed jintalab il-hlas u l–istess merkanzija ghadha sallum il-Malta Freeport.

Illi l-agir tal-attrici nomine li unilateralment qabdet u baghtet merkanzija meta ma kellhiex tibghat l-istess irreka u ghadu qed jirreka danni lis-socjeta' konvenuta u ghalhekk peress li jezistu r-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 396 et sequitur tal-Kap 12, is-socjeta' attrici qed tipprocedi rikonvenzjonalment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tas-socjeta' konvenuta (fol 12 ibid) u li biha wara li ppremettiet:-

"Peress illi jezistu r-rekwiziti kollha kontemplati fl-artikolu 396 et seq. tal-kap 12 ghal rikonvenzjoni ; u

Peress li s-socjeta' Elios Ceramica S.p.A. debitament rappresentata minn Madeleine Firman bhala mandatarja specjali marret kontra l-istruzzjonijiet specifici tas-socjeta' konvenuta u spediet merkanzija hawn Malta ghal fuq isem is-socjeta' attrici meta l-istess socjeta' attrici kienet avzat lill-attrici nomine sabiex ma tibghatx tali merkanzija; u

Peress illi s-socjeta’ konvenuta baqghet qatt ma accettat il-merkanzija, liema merkanzija ghadha sallum il-Malta Freeport; u

Peress illi s-socjeta’ konvenuta qed tirreka danni peress illi hija qed tinzamm responsabbli ghal hlasijiet lil Malta Freeport u lil Sea Malta, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza; u

Peress li dawn id-danni hija ultimament responsabbli ghalihom is-socjeta’ Elios Ceramica S.p.A.”

Talbet sabiex l-attrici nomine tghid il-ghaliex ghar-ragjunijiet premessi ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-attrici nomine responsabbli ghad-danni li qed issofri s-socjeta konvenuta minhabba l-agir tal-attrici nomine;
2. Tillikwida d-danni hekk sofferti;
3. Tikkundanna lill-attrici bhala mandatarja specjali tas-socjeta’ Elios Ceramica S.p.A. thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-attrici nomine li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza l-ammont ma jeccedix Lm5,000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta attrici rikonvenuta (fol 15 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

Illi l-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta Esten hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ konvenuta stante li:

1. Dak allegat mis-socjeta’ konvenuta (u cioe’ li tat struzzjonijet lis-socjeta’ attrici biex ma tibghatx il-merkanzija in kwistjoni hawn Malta ) m’huwiex minnu.
2. Is-socjeta’ eccipjenti ma ikkommettiet ebda tort jew ksur kontrattwali fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u

ghalhekk is-socjeta' eccipjenti m'hijiex responsabbli bl-ebda mod versu s-socjeta' konvenuta.

3. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta konvenuta trid *in ogni caso* tipprova d-danni minnha allegati.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza, kif jdiher mill-atti, kienet qed tigi differita minhabba tentattiv sabiex tintlahaq transazzjoni bejn il-partijiet izda jidher li din ma sehhitx kif hemm verbalizzat a fol 44 tal-atti.

Illi jidher ukoll, minn diversi verbali ta' seduti li nzammu illi s-socjeta konvenuta nghatat l-opportunita sabiex tressaq provi in sostenn ta' dak eccepit minnha u ta' dak allegat fl-imsemmija kontro talba, Izda l-ebda prova ma tressqet f'dan ir-rigward (ara fol 32 sa fol 36 ibid u fol 44, 45, u fol 48 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-attrici nomine issottomettiet "affidavit" taghha stess b'dokumenti annessi (fol 18 sa fol 31 ibid) u minnu jirrisulta illi hi, fil-kwalita' taghha premessa ghandha tithallas l-ammont ta' madwar €10,290 kif jidher mill-fattura annessa a fol 25 ibid u enumerata 300838 bid-data tas-26 ta' Settembru 2001. Dan l-ammont hu dovut ghal "ceramic tiles" ordnati u mixtrija mis-socjeta konvenuta u debitament konsenjati lil din. L-attrici nomine irrilevat illi qabel ma ntbaghtet l-istess konsenja lejn Malta, is-socjeta konvenuta kienet ikkonfermat max-"shipper" involut "… li riedet il-merkanijza" (ara fol 25 u fol 26 ibid) u l-istess merkanzija giet, ghalhekk konsenjata (ara, ukoll, fol 29, fol 30 ibid u b'mod spejcali fol 31 ibid).

Ikkunsidrat

Illi jidher ghalhekk illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attrici nomine s-somma ta'Lm4253 ekwivalenti ghal €9906.83 bl-imghax legali mis-26 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' April 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------